MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 24a

29 ta' April 2026

Minuti tal-ewwel parti tas-seduta Nru. 24 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa, 29 ta' April 2026 fl-4.00pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin irreġistrat il-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku G. Micallef.

## Minuti

Il-minuti tas-Seduta Nru.23 li saret fl-24 ta' Marzu 2026, ġew approvati mingħar korrezzjonijiet.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Il-Ħarġiet Kulturali (A/5/3/Vol XVI)

2.1.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li għada l-Ħamis, 30 ta' April 2026 ser issir il-ħarġa kulturali tax-xahar ta' April. Din il-ħarġa ser tkun tikkonsisti fi żjara fil-Park tal-Għasafar u fix-Ximenes Redoubt fis-Salini. Is-Sur Dominic Frendo ser ikun il-gwida li ser jakkumpanja l-grupp.

2.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Il-Kunsill Lokali tat-Tfal (Z/1/Vol VI)

2.2.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li għadhom ma ġewx ikkonfermati d-dati meta ser jiltaqa' l-Kunsill Lokali tat-Tfal fix-xahar ta' Mejju 2026 u Ġunju 2026. Hija qalet li appena jkollha dawn id-data f'idejha, hija ser tinforma lill-Kunsill.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħtif mogħti.

**2.3.1. Attività fid-Dar Residenzjali Madonna tal-Mellieħa fl-okkażjoni tal-Imnarja (A/1/2/Vol VII)**

2.3.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet ukoll li għada l-Ħamis 30 ta' Mejju 2026, hija ser ikollha laqgħa fid-Dar Residenzjali Madonna tal-Mellieħa dwar l-attività li ser issir fil-21 ta' Ġunju 2026, fl-okkażjoni tal-Festa tal-Imnarja.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.4.1 Il-Pulizija tal-Komunità fil-Mellieħa (P/9/4)**

2.4.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-laqgħa mal-Pulizija tal-Komunità saret nhar is-Sibt, 28 ta' Marzu 2026 u saret diskussjoni primarjament fuq is-sewqan ta' scooters minn adoloxxenti fit-toroq tal-lokalità.

2.4.3. Is-Sindku qal ukoll li l-Pulizija qed tagħmel patrolling b'mod regolari minħabba sewqan eċċessiv, f' Dawret il-Mellieħa u fi Triq Lewis Wettinger.

2.4.4. Dwar it-tnedija tal-inizjattiva 'Neighbourhood Watch' fil-Manikata, is-Sindku qal li sfortunatament ma tantx kien hemm attendenza għall-ewwel laqgħa li saret għar-residenti.

2.4.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1 Korsijiet tal-Kompjuter 'Co-Pilot AI' fis-Sajf għat-Tfal (E/3/1/9 Vol IV)**

2.5.2. Is-Sindku għarraf li l-applikazzjonijiet għall-kors imsemmi fetħu u l-applikazzjonijiet daħlin ġmielhom. Fil-fatt ir-rispons kien wieħed tajjeb ħafna.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Sessjoni "Aqra Miegħi" fl-Irziezet ta' Selmun (E/3/1/14)**

2.6.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li s-sessjoni li jmiss ta' 'Aqra Miegħi' fl-irziezet ta' Selmun ser issir fis-16 ta' Mejju 2026 bejn l-10.00am u l-11.00am.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. Tnedija tal-Pubblikazzjoni ta' Kitbiet tal-mibki s-Sur Joseph Felix Cachia (P/4/5/Vol III)**

2.7.2. Dwar it-tnedija tal-pubblikazzjoni 'Snajjin', is-Sindku għarraf li minħabba li tħabbret id-data tal-Elezzjoni Ġenerali, is-serata li matulha kienet ippjanata t-tnedija tal-pubblikazzjoni 'Snajjin qed tiġi posposta għal Ġunju 2026.

2.7.3. Dwar il-programm tas-serata, huwa qal li ħa jkun hemm interventi mis-Sinjura Rita Gatt u t-tfal tal-mibki s-Sur Joseph F. Cachia kif ukoll interventi mużikali. Is-serata ser issir fi Ġnien l-Għoljiet u l-Kunsill ser jieħu ħsieb li jkun hemm armati xi siġġijiet, dawl adegwat u mejda bil-kotba. Huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill jordna roll-up banner bil-faċċata tal-ktieb stampata, li mbagħad ikun jista' jintuża wkoll waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb.

2.7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.8.1. Laqgħa dwar il-Konklużjoni tal-Compliance Audit (F/1/2 Vol X)

2.8.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li nhar l-Erbgħa, 6 ta' Mejju 2026 huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ser jattendu 'Closure Meeting' dwar il-Compliance Audit li sar mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika fil-Kunsill.

2.8.3. Huwa qal li dan il-'Closure Meeting' issejjaħ mill-Governance Action Directorate sabiex il-Kunsill jipprovdi l-aħħar żviluppi li kien hemm fuq il-Compliance Audit.

2.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Proġett Ġnien fi Triq Mons. F. Xuereb/Etna/Għasel (P/4/27)

3.1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-kwistjonijiet dwar nuqqas ta' sigurtà li kien għadhom pendenti madwar is-sit imsemmi, tranġaw u ma baqax il-periklu li kien hemm.

3.1.3. Huwa qal li l-proġett wasal fil-fażi fejn dalwaqt jibda l-bini peress li x-xogħol tal-iskavar tlesta.

3.1.4. Huwa qal ukoll li fi Triq l-Etna saru l-marki fejn ser isir il-culvert.

3.1.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.2.1. Installazzjoni ta' Cameras tas-Sigurtà f'Santa Maria Estate (C/9)

3.2.2. Is-Sindku rrefera għas-silta 3.2.1. tal-minuti tas-seduta preċedeni u għarraf li l-Ing. Jordan Cutajar ipprepara r-rapport tekniku u għamel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Dan ir-rapport ġie ippreżentat waqt is-seduta.

3.2.3. Fir-rapport tiegħu, l-Ing. J. Cutajar irrakkomanda li l-Kunsill jitlob kjarifika lis-supplier ISPY Limited biex primarjament jassigura ruħu li s-sistema tista' żżomm sa sitt ġimgħat ir-recording tal-carmeras. Il-Kunsill qabel li jimxi ma' din ir-rakkomandazzjoni.

3.2.4. Is-Sindku ħa din l-opportunità sabiex jgħarraf li Alberta Fire & Safety Equipment Ltd, mistennija jibdew l-installazzjoni tal-cameras fl-entraturi tal-Mellieħa l-ġimgħa d-dieħla. Dwar is-CV Cameras fl-entraturi tal-Manikata, huwa qal li għal żewġ cameras minnhom ser jintużaw żewġ arbli eżistenti filwaqt li għat-tnejn l-oħra ħa jitwaħlu arbli ġodda.

3.2.5. Dwar is-CV Cameras tal-Manikata, is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel meeting ma' Transport Malta u l-LESA biex jintlaħaq ftehim bejn il-partijiet konċernati dwar it-time lapse li ser jingħata bħala konċessjoni lill-vetturi kbar li jgħaddu mill-Manikata.

3.2.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.3.1 Il-Librerija Pubblika tal-Mellieħa (L/4/Vol IV)

3.3.2. Dwar il-librerija pubblika, is-Sindku G. Micallef għarraf li fil-11 ta' April 2026, il-Kunsill kellu jieħu d-deċiżjoni li jagħlaq il-librerija pubblika minħabba li x-xogħol ta' kostruzzjoni tal-iskola l-ġdida kien qed ikun ta' periklu għal-librara u għan-nies li kienu qed imorru l-librerija. Huwa rringrazzja liż-żewġ librara u lill-Kunsilliera L. Darmanin għax ċertament li din ma kinitx deċiżjoni faċli.

3.3.3. Is-Sindku qal ukoll li jidher li s-Sur Jonathan Mallia - Head of Implementation and Project Management fi ħdan l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Edukazzjoni għadda t-talba tal-Kunsill lid-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Id-Direttur Ġenerali min-naħa tiegħu qed jitlob li ssir laqgħa online mal-Kunsill biex jara kif id-Diviżjoni tista' tassisti lill-Kunsill.

3.3.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li trid tinstab soluzzjoni malajr, anke għall-fatt li l-Kunsill irid jara fejn ser jittrasferixxi l-ammont ta' kotba li hemm fil-librerija. Huwa fakkar li l-librerija pubblika hija devoluta lill-Kunsill, u l-punt tat-tluq kien li l-Kunsill jingħata żewġ pre-fabricated classrooms li kellhom jitpoġġew fi Triq Ġużè' Flores. Huwa saħaq li l-Kunsill għandu jitlob għall-koperazzjoni u jiċċekkja mal-Kap tal-Iskola jekk għandux waħda jew tnejn pre-fabricated classrooms li qed jużahom possibbilment għal storage. Jekk dan ikun il-każ, il-Kunsill jista' jissuġġerixxi li l-affarijiet tal-iskola jiġu trasferiti anke ġol-uffiċċju tal-Kunsill f'kamra li hemm fit-tieni sular u l-pre-fabricated classroom tkun tista' tintuża bħala librerija pubblika. Huwa qal li saru tentattivi sabiex jintużaw jew iċ-Ċentru Parrokkjali u anke saħansitra l-Kunvent tas-Sorijiet iżda sfortunatament f'dawn iż-żewġ postijiet m'hemmx spazju biżżejjed.

3.3.4. Il-Kunsilliera L. Darmnin qalet li sfortunatament il-pubbliku qed jaħseb li l-Kunsill mhu qed jagħmel xejn fuq din is-sitwazzjoni li żgur mhux minnu.

3.3.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Minuti tal-Laqgħa tal-Kumitat t'Evalwazzjoni – 15/04/2026;
- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 25/04/2026;
- Skeda ta' Pagamenti – 23/03/2026 – 25/04/2026;
- Skeda ta' Petty Cash –25/02/2026 – 15/04/2026;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Attività Sportiva bil-kollaborazzjoni tal-Malta Football Association (S/4/2 Vol V)

5.1.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li minħabba t-tħabbir tad-data tal-Elezzjoni Ġenerali, din l-attività ser tiġi posposta. Huwa qal li l-Kunsill ser jiċċekkja d-disponibbiltà tal-Malta Football Association fir-rigward tal-Ħadd qabel jew il-Ħadd ta' wara l-Ħuġġieġa ta' San Ġwann bejn it-8.00am u s-1.00pm. Huwa qal li ser tintbagħat talba lill-għaqdiet sportivi sabiex jipparteċipaw u żied jgħid li hemm il-ħsieb li ssir preżentazzjoni mill-Kunsill lill-isportivi Melleħin.

5.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif.

### 5.2.1. Il-Proġett ta' Lampi Ġodda fi Triq il-Kbira, Triq il-Padrun, Triq E. Camilleri u Triq il-Peprin (E/1/3/Vol VI)

5.2.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għas-silta 5.2.1. tal-minuti tas-seduta preċedenti u għarraf li huwa flimkien mal-Perit Edward Scerri, l-Ing. Alan Xuereb u l-kuntrattur James Agius għamlu on-site meeting fi Triq il-Padrun, Triq E. Camilleri u Triq il-Peprin. Dan kien neċessarju sabiex il-Perit E. Scerri jkun jista' jipprepara l-block plan kif mitluba minn Transport Malta. Fir-rigward ta' Triq il-Kbira, is-Sindku qal li din kien ħa jdurha għaliha l-Perit E. Scerri peress li kellu l-block plan li kien ipprepara l-Ing. Mario Galea.

5.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.3.1. Ħsarat wara l-Maltempata 'Harry' (D/3/1/Vol XIV)

5.3.2. Is-Sindku għarraf li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet ser jibda xogħlijiet ta' tiswijiet ta' waħda mis-slipways f'Dawret it-Tunnara. Huwa qal li din is-slipway ġarrbet ħsarat estensivi u għaldaqstant kien neċessarju li jsir dan l-intervent.

5.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.4.1 Il-Ġbir tal-Iskart Domestiku (K/6/2/Vol VI)

5.4.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li qed jirċievi lmenti mir-residenti peress li l-kollettur qed igeddes il-boroż tal-iskart u jpoġġuhom f'żoni ta' parkeġġ fejn wieħed ma jkunx jista' jipparkja sakemm dawn jinġabru. Huwa żied jgħid li l-problema l-aktar tkun meta jitgeddsu l-boroż is-suwed peress li l-ammont ikun akbar.

5.4.3. Il-Kunsilliera L. Darmanin żiedet tgħid li kien hemm sitwazzjonijiet fejn anke geddsu l-boroż quddiem garaxxijiet privati u sidien kellhom diffikultajiet joħorġu mill-garaxxijiet tagħhom. Hija qalet li l-boroż ta' riċiklaġġ qed jinġabru tard kull nhar ta' Ħamis, bil-konsegwenza li bankini qed ikunu ostakolati b'dawn il-boroż għal ħin twil.

5.4.4. Is-Sindku qal li l-Kunsill qed jieħu nota tal-lmenti kollha li qed ikun hemm fir-rigward tas-servizz tal-ġbir tal-iskart domestiku u l-ilmenti kollha qed jintbagħtu lill-Kunsill Reġjonali Tramuntana.

5.4.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.5.1 Il-Proġett tat-Taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar (P/4/17)

5.5.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li x-xogħlijiet fit-taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar għadhom weqfin peress li l-kuntrattur għadu qed jistenna l-permessi neċessarji sabiex jagħmel ix-xogħlijiet marbuta mat-tibdil tal-main tad-drenaġġ. Huwa ttamat li x-xogħlijiet jitkomplew għal nofs Mejju 2026.

5.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.6.1. Proġetti tal-Kunsill (R/2/Vol III) (T/3/2/Vol XIX)

5.6.2. Is-Sindku qal li tlesta x-xogħol tar-restawr fuq l-ewwel skultura tal-Perit R. England li jinsabu maġenb il-Knisja Parrokkjali tal-Manikata. Ix-xogħol tar-restawr fuq it-tieni skultura jitkompla appena l-Kurja toħroġ ir-rikors.

5.6.3 Dwar l-istrutturi turistiċi fir-roundabouts, is-Sindku qal li skont informazzjoni li kiseb il-Perit tal-Kunsill, dawn jiswew bejn €2,000 u €3,000 'il waħda u biex jitwaħħlu jeħtieġ permess DNO mill-Awtorità tal-Ippjanar.

5.6.4. Dwar is-self maintained public conveniences, il-Perit tal-Kunsill għadu ma kellux rispons minn fornituri barrani.

5.6.5. Dwar il-proġett tal-bus shelters, għad trid tiġi ffissata data biex issir laqgħa ma' FACES Ltd.

5.6.6. Il-perit lesta l-Bill of Quantities tal-proġett tat-turġien fi Triq l-Isqof Pace u Triq Gorg Borg Olivier u ser jibda x-xogħol fuq is-sejħa għall-offerti.

5.6.7. Dwar il-proġett ta' Triq il-Qigħan, il-Perit għaddej bil-preparamenti tad-dokumenti neċessarji għall-Awtorità tal-Ippjanar u l-Awtorità tal-Artijiet.

5.6.8. Il-Perit M. Casha pprepara wkoll il-Bill of Quantities sabiex jitranġaw żewġ ħitan tas-sejjieħ li ġġarrfu.

5.6.9. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.7.1 Faċilitajiet ta' Outdoor Gyms (P/4/6/Vol VI)

5.7.2. Is-Sindku għarraf li d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali riċentement talbet informazzjoni dwar il-faċilitajiet ta' Outdoor Gyms eżistenti, kif ukoll talbet lill-Kunsill jissuġġerixxi spazji oħra fejn jistgħu jsiru Outdoor Gyms ġodda.

5.7.3. Huwa qal li l-Kunsill ippropona li jsiru Outdoor Gyms fi Ġnien iż-Żerniq, Ġnien il-Qigħan u Ġnien Ħidmet il-Volontarjat.

5.7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.8.1. Jum l-Omm 2026 (A/5/3/Vol XVI)

5.8.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin irreferit għas-silta 5.8.1. tal-minuti tas-seduta preċedenti u għarrfet li għal 'Jum l-Omm' u 'Jum il-Missier' ta' din is-sena, il-Kunsill xtara coasters li ħa jkollhom dedika fuqhom.

5.8.3. Hija qalet li dawn inxtraw għall-prezz ta' €0.99c 'il waħda..

5.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.9.1. Introduzzjoni ta' Sinjali tat-Traffiku (T/3/2/Vol XIX)

5.9.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill riċentament ġie mgħarraf li saru xi sinjali tat-traffiku f'diversi toroq li ma sarux mill-Kunsill Lokali iżda direttament minn Transport Malta. Fost dawn saru linji doppji sofor fi Triq il-Merill u fi Triq il-Barkazza.

5.9.3. Is-Sindku qal li l-Kunsill min-naħa tiegħu dejjem jimxi mar-regolamenti stabbiliti minn Transport Malta f'dan ir-rigward u għaldaqstant il-Kunsill japprezza li jkun tal-inqas infurmat b'deċiżjonijiet simili.

5.9.4. Il-Kunsillier J. Cauchi ħa din l-opportunità sabiex jgħarraf li saritlu talba mir-residenti ta' Triq ir-Raħħala, sabiex isiru l-linji tal-parking f'din it-triq.

5.9.5. Il-Kunsillier E. Bartolo xtaq jinforma lill-membri preżenti wkoll li wara talba mir-residenti, saru l-parking bays mill-Kunsill fi Triq il-Peprin. Huwa xtaq jieħu din l-okkażjoni biex jgħarraf li l-kuntrattur B. Grima & Sons Ltd qed jikkonkludi l-workplan ta' April 2026, sabiex il-kuntrattur il-ġdid 5H Ltd ikun jista' jibda l-workplan ta' Mejju 2026.

5.9.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.10.1. Xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fit-Toroq Prinċipali (W/2/Vol IV)

5.10.2. Dwar ix-xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fi Triq il-Marfa, is-Sindku għarraf li kif kien informa lill-membri tal-Kunsill, ix-xogħlijiet avvanzaw biċċa oħra u se jieqfu safejn il-pedestrian crossing fejn Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Ser issir ukoll il-parti ta' Triq l-Erwieħ u huwa ppjanat li sal-aħħar ta' Mejju jibda x-xogħol ta' asfaltar minn Triq il-Marfa isfel għal fuq sabiex sa Ġunju, it-triq tkun tista' tinfetaħ mill-ġdid.

5.10.3. Huwa qal li personalment tkellem mas-sidien tan-negozji li hemm f'dawn l-inħawi, sabiex ikunu mgħarrfa bl-iżviluppi.

5.10.4. Is-Sindku tkellem ukoll dwar ix-xogħol li l-Korporazzjoni Enemalta kellha ppjanati f'din l-istess parti ta' fuq ta' Triq il-Marfa sa Triq Adenau, li twaqqfu biex ma tinħoloqx aktar inkonvenjenza.

5.10.5. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li saritilha talba mis-sidien tan-negozji sabiex possibbilment issir laqgħa Magħhom, qabel ma jibda l-istaġun tas-sajf. F'dan ir-rigward, is-Sindku qal li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għamlet laqgħa magħhom fi Frar 2026 u ser torganizza laqgħa oħra fix-xhur li ġejjin.

5.10.6. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-proposta sabiex isir bus shelter temporanju ieħor fi Triq Edward Camilleri tiġi posposta għal meta jerġa' jibda x-xogħol f'Settembru 2026.

5.10.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.11.1. Il-Proġett 'Solidarity Project in the Community' iffinanzjat minn Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea (P/10/41)

5.11.2. Dwar il-proġett 'Different Stories, One Community - Voice of Mellieħa through Youth-Led Intercultural Connections', il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li l-ewwel attività ser tkun tikkonsisi fi 'Story Telling Activity' li ser issir fit-28 ta' Mejju 2026.

5.11.3. Dwar il-proposta biex isir podcast, is-Sur J. Cauchi qal li l-Kunsill jeħtieġ li jiddeċiedi jekk l-apparat kollu neċessarju għandux jinxtara jew jinkera. Huwa qal li wieħed miż-żgħażagħ offra li jista' jsir użu mill-apparat tiegħu.

5.11.4. Is-Sindku qal li important li l-Kunsill jimxi mal-Grant Agreement li ġie ffirmat. Bħala post huwa ssuġġerixxa li l-podcast isir fl-uffiċċju tal-Kunsill.

5.11.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.12.1. It-Tletin Sena Anniversarju mill-Iffirmar ta' Ġemellaġġ bejn il-Mellieħa u Adenau (K/1/5/Vol V)

5.12.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva korrispondenza minn Stadt Adenau, fejn il-Kunsill ġie mistieden jattendi għaċ-ċerimonja li ser tikkommemora it-Tletin Sena Anniversarju mill-Iffirmar ta' Ftehim ta' Ġemellaġġ mal-Mellieħa kif ukoll l-Erbgħin Sena Anniversarju ma' Sillery fi Franza. Is-Sindku qal li qed jiġu proposti żewġ dati: jew bejn is-26 u s-27 ta' Settembru 2026 jew bejn it-3 u l-4 ta' Ottubru 2026.

5.12.3. Min-naħa tal-Kunsill, huwa qal li l-ħsieb huwa li dan l-anniversarju jiġi ċċelebrat fil-Mellieħa f'Jum il-Kunsill 2026 li ser isir nhar il-Ħamis, 23 ta' Lulju 2026.

5.12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.13.1. Ingaġġ ta' Administration Officer II (P/7/1/Vol XVII)

5.13.2. Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin irreferit għas-silta 5.13.1. tal-minuti tas-seduta preċedenti u qalet li wara li d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u Jobsplus taw il-permess neċessarju, fl-1 ta' April 2026 il-Kunsill għamel sejħa interna għall-Administration officer II. Din is-sejħa għalqet nhar il-Ġimgħa, 10 ta' April 2026 u l-Kunsill irċieva applikazzjoni minn Ms Yvonne Muscat.

5.13.3. Għal dan il-għan, is-Sindku G. Micallef qal li lbieraħ it-Tlieta 28 ta' April 2026, il-Bord tal-Intervisti fi ħdan il-Kunsill iltaqa' u saret l-interview lil Ms Y. Muscat.

5.13.4. Huwa qal li waqt l-intervista, il-membri tal-Bord għamlu sett ta' mistoqsijiet, anke peress li dan l-irwol il-ġdid ser ikun jirrikjedi aktar għarfien dwar proċeduri amministrattivi u responsabilitajiet ġodda u anke għall-fatt li marbuta ma' dan l-irwol hemm ukoll il-kariga ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Madanakollu, huwa kompla billi qal li Ms Y. Muscat għalkemm hija konxja tal-fatt li hemm xogħol amministrattiv li ser tkun qed tmiss miegħu għall-ewwel darba, hija lesta li tidħol għal dan l-irwol b'responsabbiltà u anke lesta li tieħu t-taħriġ kollu meħtieġ.

5.13.5. Is-Sindku qal li l-Bord tal-Intervisti b'mod unanimu qabel li jirrakkomanda li Ms Y. Muscat għandha tieħu dan l-irwol. Din ir-rakkomandazzjoni ġiet aċċettata mill-membri l-oħra kollha tal-Kunsill.

5.13.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li hekk kif Ms Y.Muscat tieħu dan l-irwol b'mod uffiċjali, sta għas-Segretarju Eżekuttiv li jimmassimizza l-kapaċitajiet tagħha. Huwa qal li Ms Y. Muscat bħala uffiċjal fil-Front Office kienet uffiċjal kompetenti ħafna, madanakollu issa ser tkun qed tieħu rwol ġdid għal kollox.

5.13.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.14.1. Kalendarju Kulturali 2026 (A/5/3/Vol XVI)

5.14.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li dawk l-attivitajiet li l-Kunsill kellu ppjaanti bejn Mejju u nofs Ġunju 2026 ser jiġu posposti wara li tħabbret id-data tal-Elezzjoni Ġenerali.

5.14.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.15.1. Titjib ta' Triq magħrufa 'Ta' Bejn il-Ġonna' permezz ta' i73.3 Off Farm Investment (Infrastructure Rural Roads) (P/10/42)

5.15.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li t-tieni sejħa għall-offerti biex isir resurfacing tat-triq rurali 'Ta' Bejn il-Ġonna' għalqet fl-10 ta' April 2026.

5.15.3. Huwa qal li l-Kumitat t'Evalwazzjoni ltaqa' fil-15 ta' April 2026 fejn beda l-evalwazzjoni ta' din is-sejħa għall-offerti u għarraf li kien hemm żewġ sottomissjonijiet li saru minn:
(i) Legacy Ventures Ltd;
(ii) Delta Projects

5.15.4. Huwa qal li kif wieħed seta' jsegwi mill-minuti ta' din il-laqgħa, fir-rigward ta' Delta Projects, is-sottomissjoni kienet compliant kemm fl-Eligibility, fit-Technical kif ukoll fil-Financial Criteria.

5.15.5. Fir-rigward tas-sottomissjoni ta' Legacy Ventures Ltd, il-Kumitat t'Evalwazzjoni qabel li tintbagħat Rectification Letter li kellha tiġi mwieġba fi żmien ħamest ijiem peress li:
(a) Ma ngħatawx dettalji dwar Health & Safety Officer;
(b) Il-Grand Total tal-Bill of Quantities ma kienx jinkludi l-lump sum amounts.

5.15.6. Is-Sindku qal ukoll li l-Kumitat t'Evalwazzjoni reġa' ltaqa' lbieraħ it-Tlieta, 28 ta' April 2026 fejn iddiskuta t-tweġiba li ngħatat minn Legacy Ventures Ltd. Huwa qal li wara din id-diskussjoni, il-Kumitat t'Evalwazzjoni qabel li jirrakkomanda dan li ġej:

### Final Recommendation

The Financial Offers of the Administratively and Technically Compliant bids were compared to the Estimated Procurement Value (without Potential Costs) available for the contract.

This cheapest administratively and technically compliant offer falls within the Departmental Budget of € 142,322.78 exclusive of VAT, that was allocated for this tender.

Pursuant to the above, the Evaluation Committee recommends that this tender is awarded to Delta Projects for the amount of €187,573.84 exclusive of VAT, this being the cheapest compliant offer. It is confirmed that the recommended offer is fair and reasonable.

5.15.7. Is-Sindku ħa din l-opportunità biex jgħarraf li huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ġew mistiedna jattendu bilaterali meeting mal-Managing Authority liema laqgħa ser issir nhar il-Ħamis 7 ta' Mejju 2026. Sadanittant ukoll, nhar l-Erbgħa, 22 ta' April 2026, is-Segretarju Eżekuttiv kellha l-opportunità tattendi sessjoni ta' taħriġ dwar 'Audit Findings' fuq proġett iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea.

5.15.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.16.1. Sejħiet għall-Offerti (K/6)

5.16.2. Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li matul ix-xahar ta' Marzu 2026, il-Kunsill ħareġ tliet sejħiet għall-offerti li kienu:
MLC 01/2026: Resurfacing tat-Triq Ta' Bejn il-Ġonna permezz ta' Miżura I73.3;
MLC 02/2026: Xogħol ta' Manutenzjoni fil-Multi Purpose Court fil-Park tal-Familja;
MLC 03/2026: Xiri ta' Electric Van.

5.16.3. Is-Sindku qal li l-Kumitat t'Evalwazzjoni għamel u għalaq l-evalwazzjoni tas-Sejħa għall-Offerti MLC 01/2026. Fir-rigward tas-Sejħiet għall-Offerti MLC 02/2026 u MLC 03/2026 sfortunatament ma saret l-ebda sottomissjoni.

5.16.4. Dwar is-Sejħa għall-Offerti MLC 03/2026 għax-Xiri ta' Electric Van, il-Kumitat t'Evalwazzjoni qabel li ssir sejħa għall-offerti ġdida fejn l-Estimated Procurement Value jogħla għal minn €40,000 għal €70,000, peress li dawn huma l-prezzijiet fis-suq bħalissa għal dan it-tip ta' vetturi.

5.16.5. Dwar is-Sejħa għall-Offerti MLC 02/2026 dwar ix-Xogħlijiet ta' Manutenzjoni fil-Multi Purpose Court, is-Sindku qal li l-opinjoni tal-Kumitat t'Evalwazzjoni inkluż il-Perit M. Casha li qed jassisti lill-Kunsill f'din is-sejħa għall-offerti, hija li l-Kunsill jitlob permess lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex dawn ix-xogħlijiet jingħataw permezz ta' Direct Order. Dan peress li din hija r-raba' darba li l-Kunsill ħareġ din is-sejħa għall-offerti u sfortunatament jew ma kienx hemm sottomissjonijiet jew inkella s-sottomissjonijiet ma kienux konformi mar-rekwiżiti tas-sejħa għall-offerti.

5.16.6. Il-Kunsillier K. Buttigieg issuġġerixxa li s-sejħa għall-offerti tinqasam f'partijiet biex possibbilment jinstabu kumpanijiet li jitħajru jitfgħu l-offerta tagħhom. Madanakollu, ġie spjegat li waqt il-laqgħa tal-Kumitat t'Evalwazzjoni sar dan is-suġġeriment iżda l-Perit ma qabilx miegħu fost oħrajn peress li jista' jkun hemm spalpaljar ta' ħin minn kuntrattur għall-ieħor.

5.16.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li l-Kunsill jagħmel talba uffiċjali għal Direct Order.

### 5.17.1. Ħlasijiet tal-Kontijiet tal-ARMS Ltd fl-Uffiċċju tal-Kunsill (K/1/6/Vol III)

5.17.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li nhar il-Ġimgħa, 24 ta' April 2026 fl-uffiċċju tal-Kunsill, inżammet sessjoni ta' taħriġ għall-membri tal-istaff tal-Kunsill. Din is-sessjoni kienet immirata sabiex il-membri tal-istaff jingħataw l-informazzjoni neċessarja dwar is-sistema ta' kif ser jitħallsu l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma. Huwa qal li qed ikun ippjanat li l-ħlasijiet jibdew isiru mill-4 ta' Mejju 2026.

5.17.3. Il-Kunsilliera L. Darmanin issuġġerit li wieħed jibda jagħmel monitoring tal-flus kontanti li ser jibdew Jinġabru minn dawn il-kontijiet.

5.17.4. Il-Kunsillier E. Bartolo issuġġerixxa wkoll li l-Kunsill jiċċekkja fuq il-polza tal-assigurazzjoni li għandu dwar iż-żamma tal-flus kontanti.

5.17.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.18.1. Il-Proġett tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa (S/3/1/1)

5.18.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-kuntrattur li ħa jieħu ħsieb il-bini tal-iskola l-ġdida, mhux ser ikun l-istess kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħol tat-twaqqigħ. Fil-fatt għal dan ix-xogħol saret sejħa għall-offerti apparti.

5.18.3. Huwa għarraf ukoll li huwa kellu laqgħa ma' Dr Neville Young – Chief Executive Officer tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada peress li kien hemm ħafna mistoqsijiet x'isiru. Fil-fatt Dr N. Young ikkonferma li:

(i) sa Ġunju ħa jinbena ħajt matul Triq Napuljun Caruana Dingli sabiex it-triq terġa' tmur fl-istat oriġinali tagħha. Madanakollu, sadanittant twaħħlu l-one ways fil-bidu tat-triq;

(ii) il-parti l-kbira tax-xogħlijiet ta' skavar tlestew, jonqos l-aħħar fażi li hija ppjanata li titlesta bejn l-aħħar ta' Ġunju u l-bidu ta' Lulju 2026. Wara jkunu jistgħu jibdew ix-xogħlijiet tal-bini;

(iii) il-faċċata tal-iskola mhux ser titwaqqa' wara struzzjonijiet mogħtija mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Madanakollu l-kumplament tal-bini ser jitwaqqa';

(iv) il-binja tal-iskola l-antika għadha m'għaddietx taħt ir-responsabbiltà tal-FTS; u

(v) dwar il-librerija pubblika, din kellha tiġi ri-allokata mar-riallokazzjoni tal-iskola primarja fil-Park tal-Familja.

5.18.4. Is-Sindku qal li kien hemm qbil li l-Kunsill ser jirċievi progress report b'mod regolari.

5.18.5. Fl-aħħarnett, is-Sindku għarraf li lbieraħ ingħalaq l-aċċess mill-gates kollha tal-iskola.

5.18.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.19.1. Tindif ta' Toroq (T/4/5/Vol IV)

5.19.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li qed jinnota li Triq il-Kbira u Triq Dun Frangisk Sciberras mhumiex jinkinsu regolarment.

5.19.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar xtaqet iżied li anke Triq il-Lellux ilha ma titnaddaf.

5.19.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg talab li kopja tal-iskeda tat-tindif tat-toroq tintbagħat lill-membri tal-Kunsill kollha.

5.19.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u ħa nota tal-kummenti li saru.

### 5.20.1. Xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u mill-Korporazzjoni Enemalta fil-Mellieħa (W/2/Vol IV) (E/1/Vol III)

5.20.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għax-xogħlijiet t'emerġenza li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għamlet riċentement fi Triq il-Barkazza u fi Triq l-Għar u Casa. Huwa qal li sfortunatament il-kuntrattur li għamel ix-xogħlijiet ħalla xogħlijiet mhux kompluti partikularment fejn jidħlu l-bankini u x-xogħol tal-asfalt. Apparentament dan il-kuntrattur ippretenda li l-bankini jirranġawhom il-ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Wara pressjoni li saret mill-Kunsill, is-Sindku qal li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ħa tqabbad kuntrattur ieħor li jiffinalizza dawn ix-xogħlijiet.

5.20.3. Is-Sindku għarraf ukoll li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma talbet li tagħlaq Triq il-Miżieb bejn l-4 u s-7 ta' Mejju 2026 bejn id-9.00am u l-4.00pm. Il-Kunsill għall-ewwel talab li x-xogħlijiet isiru bil-lejl madanakollu minħabba nuqqas ta' dawl f'din it-triq u għaldaqstant problema ta' sigurtà, il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk jagħtix l-permess tiegħu jew mod ieħor. Il-membri tal-Kunsill qablu li fid-dawl li x-xogħlijiet fit-Telgħa tax-Xemxija tlestew, il-Kunsill m'għandux ikollu oġġezzjoni li x-xogħlijiet isiru f'dawn il-ħinijiet.

5.20.4. Is-Sindku aċċenna wkoll għax-xogħlijiet li l-Korporazzjoni Enemalta għandha ppjanata fi Triq it-Tunnaġġ liema xogħlijiet mhux ser jirrikjedu li t-triq tingħalaq għal kollox. Madanakollu, huwa qal li talab sabiex il-Kunsill ikollu time-frame biex anke jkun jista' jinforma lir-residenti.

5.20.5. Dwar ix-xogħlijiet fl-inħawi tal-Għansar mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, is-Sindku qal li l-Korporazzjoni għadha qed tistenna feedback minn Transport Malta.

5.20.6. Dwar il-permess RWP1-1349/25 li jikkonsisti f'tibdil ta' main tal-ilma fi Triq il-Mejjiesa/Mellieħa mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, is-Sindku qal li talab time-frame speċifiku kif ukoll informazzjoni dwar traffic management.

5.20.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.21.1. Proposti lil Transport Malta (T/3/2/Vol XIX)

5.21.2. Is-Sindku għamel aċċenn għall-proposta ta' diġitali signage f'każ ta' inċident fit-Telgħa ta' Selmun li l-Kunsill għamel lil Transport Malta. Huwa qal li Transport Malta qed titlob block plan li tindika fejn għandhom jitwaħħlu dawn id-digital signs meta l-għan tal-Kunsill primarjament kien li dawn isiru direttament minn Transport Malta.

5.21.3. Dwar il-proposta tal-Kunsill sabiex jitwaħħlu bollards li jwasslu sal-Bus Stop Ruman biex ikun hemm aktar sigurtà għal dawk li jimxu sa dan il-bus stop, is-Sindku għarraf li din it-talba għadha pendenti.

5.21.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg xtaq jieħu din l-okkażjoni biex jissuġġerixxi li r-restrizzjoni biex vetturi ma jitilgħux minn Triq il-Miżieb fil-Ħdud u l-festi tiġi estiża għall-Manikata.

5.21.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li r-restrizzjoni fi Triq il-Miżieb saret peress li t-triq hija dejqa.

5.21.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.22.1. Ticket Machines viċin il-Bus Stop 'Adenau' (T/5/1/Vol II)

5.22.2. Il-Kunsilliera C. Castillo irreferit għat-talba li kien għamel il-Kunsill sabiex possibbilment titwaħħal ticket machine viċin il-Bus Stop 'Adenau' u staqsiet jekk il-Kunsill kienx irċieva xi informazzjoni dwar din it-talba.

5.22.3. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ħa jieħu ħsieb jibgħat tfakkira lil Malta Public Transport.

5.22.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.23.1. Laqgħa mal-Fondazzjoni 'Il-Mellieħa'

5.23.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fis-7 t'April 2026, huwa flimkien mal-Kunsilliera J. Buttigieg u Emvin Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mal-Fondazzjoni 'Il-Mellieħa'. Huwa qal li matul din il-laqgħa, il-Fondazzjoni reġgħet resqet talba għall-għajnuna lill-Kunsill fid-dawl li fil-passat il-Kunsill kien jikkontribwixxi finanzjarjament.

5.23.3. Is-Sindku qal li fil-passat il-Kunsill kellu l-paġna tiegħu fil-gazzetta 'Il-Mellieħa' u għaldaqstant kien jikkontribwixxi ammont fix-xahar. Il-Fondazzjoni pproponiet li l-Kunsill jerġa' jkollu l-paġna tiegħu u għaldaqstant ikun jista' jikkontribwixxi l-ammont ta' €100 fix-xahar.

5.23.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-Fondazzjoni 'Il-Mellieħa' m'għandha x'taqsam xejn mal-Parroċċa tal-Mellieħa. Hija fondazzjoni magħmula minn sitt membri, hija reġistrata bħala NGO u l-finanzi tagħha jiġu awditjati regolarment kif titlob il-liġi.

5.23.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien hemm qbil fost il-membri preżenti li l-Kunsill jikkontribwixxi finanzjarjament bl-ammont mitlub u fl-istess waqt ikollu l-paġna tiegħu fejn ikun jista' jippubblika kwalunkwe informazzjoni li jidhirlu tista' tkun t'interess għall-qarrejja.

### 5.24.1. 'European Week of Regions and Cities 2026' (F/3/Vol X)

5.24.2. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill Reġjonali Tramuntana qed jitlob lill-Kunsilli Lokali fi ħdan jinnominaw żewġ membri tal-Kunsill sabiex jattendu għall-European Week of Regions and Cities 2026 li ser issir fi Brussel bejn it-12 u l-14 ta' Ottubru 2026.

5.24.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u stieden lill-membri tal-Kunsill jaraw min jixtieq jattendi din is-sena.

### 5.25.1. Jum il-Kunsill 2026 (A/5/3/1)

5.25.2. Dwar il-Bord tar-Rakkomandazzjoni dwar l-Għoti tal-Onorefiċenzi, is-Sindku G. Micallef qal li xtaq li jsir skambju ta' ideat f'dan ir-rigward. Huwa qal li huwa personalment xtaq jinnomina lill-Prof. Anna Borg li hija persuna stabbilita fl-Università ta' Malta bħala lecturer bħala Chairperson u lis-Sur David Muscat u lis-Sinjura Elizabeth Vella bħala iż-żewġ membri tal-pubbliku.

5.24.3. Is-Sur John Buttigieg issuġġerixxa li n-Nutara Dr Maronia Fenech jew in-Nutar Dr Jonathan Vella jistgħu wkoll iservu u jagħtu kontribut siewi fuq dan il-Bord. Madankollu, talab li l-membri tal-Kunsill jingħataw aktar żmien jaħsbu fuq din il-materja.

5.24.4. Dwar il-kriterji, is-Sindku qal li m'hemmx lok għal tibdil.

5.24.5. Il-Kunsillier E. Bartolo semma l-fatt li l-prezz tal-insinja tad-deheb li tingħata lil min jiġi onorat b'Ġieħ il-Mellieħa mas-snin ogħla mhux ħażin u ta' min forsi wieħed jikkunsidra xi tip differenti.

5.24.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-insinja fiha l-preġju tagħha u sinifikat. Barra minn hekk, hekk hemm stabbilit fil-kriterji.

5.24.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li għal din is-sena tinżamm l-istess tip ta' insinja.

### 5.26.1 Laqgħa ma' Din l-Art Ħelwa (A/6/7/1/Vol II)

5.26.2. Is-Sindku għarraf li għal-laqgħa ma' Din l-Art Ħelwa li saret fis-7 ta' April 2026, kienu preżenti flimkien miegħu l-Kunsilliera J. Buttigieg u E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv. Min-naħa ta' Din l-Art Ħelwa attendew il-President Eżekuttiv Arch P. Calleja u s-Segretarju Ġenerali s-Sur A. Guillaumier.

5.26.3. Is-Sindku qal li matul din il-laqgħa l-Kunsill esprima r-rieda li jkompli jsaħħaħ il-kollaborazzjoni u l-koperazzjoni bejn iż-żewġ partijiet, kif ukoll ġie diskuss l-Management Agreement li l-Kunsill għandu ma' Din l-Art Ħelwa fir-rigward tat-Torri l-Abjad u li ser jiskadi f'Novembru 2026. Is-Sindku qal li l-Kunsill ippreżenta l-emendi u ddiskutihom ma' Din l-Art Ħelwa u qal li appena l-ftehim jiġi ffinalizzat, tiġi ppreżentat il-verżjoni finali u eventwalment jiġi ffirmat.

5.26.4. Bħalissa, is-Sindku qal li qed jiġu riveduti wkoll il-Management Agreements dwar ix-Xelters ta' Żmien it-Tieni Gwerra Dinjija u ma' Selmun Sports Club. Huwa spjega li dawn ser jiġu diskuss direttament mal-partijiet involuti sabiex jiġu aġġornati t-termini eżistenti u introdotti kundizzjonijiet ġodda fejn meħtieġ.

5.26.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.27.1. Twaqqif ta' Fencing fi Ġnien il-Qigħan (P/5/2)

5.27.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fit-8 ta' April 2026, huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-Sur Żaren Vassallo u mas-Sinjura Natalie Briffa Farrugia dwar l-għeluq ta' parti minn Ġnien il-Qigħan partikularment fejn kien it-Teatru Grieg.

5.27.3. Is-Sindku qal li matul din il-laqgħa, is-Sur Żaren Vassallo spjega li din il-parti ta' Ġnien il-Qigħan ingħalqet primarjament peress li taħt fejn kien it-Teatru Grieg kien qed jidħol ħafna ilma tax-xita bil-konsegwenza li kienet qed issir ħsara fis-saqaf tal-wing fejn ikun hemm il-pazjenti li jbatu minn Dimensia. Is-Sur Żaren Vassallo qal li bħala Caremalta Ltd kienu ġibdu l-attenzjoni tal-Kunsill diversi drabi dwar din il-problema iżda sfortunatament qatt ma sar l-intervent u l-manutenzjoni neċessarja biex l-ilma tax-xita ma jibqax jidħol fil-wing ta' taħt. Billi l-Kunsill ma ħa l-ebda azzjoni, Caremalta Ltd iddeċidiet li tidħol għall-ispiża hi u tagħmel ix-xogħol neċessarju liema spiża laħqet €50,000. Is-Sur Żaren Vassallo qal li kien għalhekk li ttieħdet id-deċiżjoni li wara li saru x-xogħlijiet neċessarji, din il-parti tal-Ġnien tingħalaq. Is-Sur Vassallo qal li matul is-snin, il-Kunsill naqas milli jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fit-Teatru Grieg u fil-ġnien innifsu. Għaldaqstant, meta saru x-xogħlijiet min-naħa ta' Caremalta Ltd ingħalaq l-aċċess anke biex ma jibqgħux isiru abbużi u vandaliżmu. Madanakollu, is-Sur Vassallo qal li Caremalta Ltd hija lesta li tagħti aċċess lill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa kull meta jixtieq, u lesti anke li jidħlu għal ftehim mal-Kunsill biex din il-parti tkun tista' tintuża mill-komunità in ġenerali. Li ma jixtiequx huwa li din il-parti tal-ġnien terġa' tinfetaħ għall-pubbliku u terġa' ssir ħsara fis-saqaf. Għal dan il-għan, ix-xewqa ta' Caremalta hija li din il-parti tal-ġnien terġa' tingħata lura lill-komunità izda taħt sorveljanza. Fil-fatt, Caremalta Ltd hija lesta li tipprovdi s-securities waqt l-attivitajiet li jsiru.

5.27.4. Dwar it-titlu tal-art, is-Sur Żaren Vassallo qal li l-kuntratt iffirmat bejn l-Awtorità tal-Artijiet u Caremalta Ltd huwa għal ħamsin sena u dik il-parti tal-Ġnien hija nkluża f'dan il-kuntratt.

5.27.5. Is-Sindku qal li dan kien pass li ried isir, issa l-Kunsill irid jimxi minn hemm. Huwa fatt li l-eżitu tar-rapport li sar lill-Ombudsman, kien li dik il-parti tal-Ġnien tappartjeni lill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

5.27.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg kien tal-fehma li l-Kunsill għandu jibqa' jinsisti li dik il-parti terġa' ssir pubblika.

5.27.7. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li fil-passat il-Kunsill kien tah parti mill-ġenb tal-ġnien bil-patt li l-Kunsill jibni t-Teatru Grieg f'din il-parti tal-Ġnien.

5.27.8. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li issa li l-Park tal-Familja huwa ristrett minħabba l-klassijiet, din il-parti tkun ideali sabiex il-pubbliku jkollu fejn imur jipprattika xi sport li jħobb. Huwa qal ukoll li jista' jagħti l-każ li Caremalta Ltd ħa trabbi l-ġust fuq din il-parti tal-ġnien.

5.27.9. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.28.1. Xogħol minn Infrastructure Malta (T/4/4/Vol IV)**

5.28.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li x-xogħlijiet infrastrutturali li Infrastructure Malta kienet qed tagħmel fi Triq il-Kappella tal-Militar tlestew qabel iż-żmien u għaldaqstant it-triq infetħet mill-ġdid.

5.28.3. Huwa żied jgħid li meta t-triq kienet magħluqa tħallew diversi aċċessi għall-bdiewa kif ukoll għall-ħwienet tal-ħaxix u l-frott li hemm fl-inħawi.

5.28.4. Dwar l-asfaltar ta' Triq il-Fuħħar, is-Sindku qal li l-Kunsill bagħat tfakkira lill-Perit Roderick Caruana li qed isegwi din it-talba.

5.28.5. Dwar ix-xogħlijiet fit-Telgħa tax-Xemxija, is-Sindku qal li saru kuntatti diretti mal-Kunsill biex kemm jista' jkun ix-xogħlijiet joħolqu l-inqas inkonvenjenza. Ix-xogħlijiet tlestew u huwa f'isem il-Kunsill irringrazzja lill-IM għall-koperazzjoni.

5.28.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.29.1. Ir-Rotot 44 u 238 tat-Trasport Pubbliku (T/5/1/Vol )**

5.29.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill għadx għamel talba lill-Malta Public Transport dwar ir-rotot 44 u 238 kif mitlub mir-residenti tal-Manikata.

5.29.3. Is-Sindku kkonferma li l-Kunsill għamel dawn it-talbiet diversi drabi.

5.29.4. 8Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.30.1. Support Scheme for Recreational Open Spaces, Sensory Play Areas and Green Pockets which Include Dog Parks or Cat Cafes 2026 (F/1/7/Vol X)**

5.30.2. Dwar l-iskema msemmija, il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar għarrfet li l-Kunsill issottometta l-applikazzjoni tiegħu għal Dog Park fi Ġnien il-Qigħan sad-deadline stipulat li kien it-30 ta' April 2026.

5.30.3. Hija qalet li l-Kunsill applika biex possibilment jikseb sa massimu ta' €50,000.

5.30.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.31.1. Inizjattiva 'Minn Pjazza għal Pjazza' (F/1/7/Vol X)**

5.31.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fl-20 ta' April 2026 tħabbru r-riżultati tal-Espressjoni t'Interess 'Minn Pjazza għal Pjazza'.

5.31.3. Huwa qal li l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa sfortunatament ma kinitx magħżula din is-sena.

5.31.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.32.1. Inizjattiva Community Profiling (K/16)**

5.32.2. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li nhar il-Ħamis, 23 ta' April 2026 saret il-preżentazzjoni tal-istudju ippreparat minn Culture Venture. Huwa qal li għal din il-preżentazzjoni li tmexxiet mill-Profs. Valerie Visanich, attendew il-membri tal-Kunsill, rappreżentanti minn għaqdiet lokali u membri tat-tim tal-Pulizija tal-Komunità tal-Mellieħa.

5.32.3. Is-Sur J. Cauchi qal li tkun ħaġa sabiħa jekk dan l-istudju jiġi ppubblikat anke possibilment f'verżjoni simplifikata, peress li saret riċerka interessanti ferm li tajjeb li l-pubbliku in ġenerali jsir jaf biha.

5.32.4. Huwa żied jgħid li meta l-Kunsill mar biex jagħżel il-professjonisti li setgħu jagħtu l-kontribut tagħhom f'dan l-istudju, huwa ma kienx konxju li seta' kien hemm professjonisti oħra esperti f'dan il-qasam. Għal dan il-għan huwa ssuġġerixxa li dawk il-professjonisti li wrew interess wara li ġie ppubblikat dan l-istudju, il-Kunsill jista' jitlob il-kontribut tagħhom fil-proġett taż-żgħażagħ biex b'hekk anke huma jkunu jistgħu jikkontribwixxu fil-lokalità.

5.32.5. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li la l-Kunsill għamel dan l-istudju, huwa jaqbel li ssir summary tiegħu u jkun jista' jitqassam. Huwa qal li l-Youth Leader tal-proġett taż-żgħażagħ talbet li jkollha kopja tiegħu u żied jgħid li ċertament dan l-istudju ser ikun utli u ser jintuża.

5.32.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.33.1. Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb (F/5/Vol III)

5.33.2. Is-Sindku G. Micallef għamel referenza għall-imejl data 16 ta' April 2026, mibgħut mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb dwar il-Festival tal-Ktieb 2026.

5.33.3. Is-Sindku qal li din is-sena l-Festival tal-Ktieb ser isir bejn l-4 u 8 ta' Novembru 2026 u l-applikazzjonijiet għall-esebituri jagħlqu fis-16 ta' Mejju 2026.

5.33.4. Il-membri tal-Kunsill kollha qablu li l-Kunsill għandu jissottometti l-applikazzjoni tiegħu kif għamel f'dawn l-aħħar snin, anke fid-dawl li fl-edizzjoni tas-sena l-oħra l-istand tal-Kunsill intlaqgħet tajjeb ħafna mill-pubbliku.

### 5.34.1. L-Iskema RT001/2025 mnedija mill-Kunsill Reġjonali Tramuntana (S/6/Vol VII)

5.34.2. Dwar l-iskema RT001/2025 mnedija mill-Kunsill Reġjonali Tramuntana, is-Sindku G. Micallef qal li l-Kunsill irċieva talba mill-Mellieħa SC Football School sabiex possibilment il-Kunsill Lokali jikkolabora fl-inizjattiva tagħhom 'Summer Camp'. Is-Sindku qal li kif kien ġie miftiehem fis-seduti preċedenti, il-Kunsill jista' jutilizza dan il-fond sabiex ikun jista' jgħin finanzjarjament lill-għaqdiet fosthom dawk sportivi.

5.34.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg kien tal-fehma li din hi inizjattiva sabiħa u unika li ssir fil-lokalità u għal dan il-Kunsill għandu jikkollabora fiha.

5.34.4. Il-Kunsillier J. Cauchi qal li tkun ħaġa sabiħa jekk il-Kunsill jintegra l-proġett taż-żgħażagħ ma' din l-inizjattiva.

5.34.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li jalloka €1,000 mill-fond tal-Kunsill Reġjonali Tramuntana u €1,000 mill-fondi tal-Kunsill fl-ispirtu tal-Artiklu 33 (n) u (p) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

### 6.1.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku Matthew Borg Cuschieri li tgħid:

"Billi saret sejħa għall-offerti CFT MLC 05/2025, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi 'Provision and Maintenance of Traffic Signs and Road Markings with Maximised Lifespan While Minimising Associated Enviromental Impacts For the Mellieħa Local Council';

Billi saret evalwazzjoni mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni taż-żewġ offerti sottomessi, skont il-minuti tat-30 ta' Jannar 2026 u tal-10 ta' Marzu 2026; u

Billi l-Kunsill alloka fondi għal dan il-għan taħt il-Vot 2313 u 2314 fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2026;

Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent 5H Limited li rriżulta konformi mal-kriterji stabbiliti bi spiża ta' €24,606.00 bit-taxxa miżjuda.". (K/6/4)

Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier R. Bartolo Cutajar.

**7.1.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

7.1.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Akkwist ta' Servizzi u Materjal datata 25 ta' April 2026.

7.1.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn it-23 ta' Marzu 2026 sal-25 ta' April 2026.

7.1.4. Tressqet ukoll l-iskeda tal-Petty Cash li tkopri bejn il-25 ta' Frar 2026 u l-15 ta' April 2026.

7.1.5. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha mressqa, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://melliehalc.gov.mt/skeda-ta-hlasijiet/

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri kollha s-seduta spiċċat fis-6.450pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 19 ta' Mejju 2026 fil-5.30pm.

Gabriel Micallef
**Sindku**

Marica Gambin
**Segretarju Eżekuttiv**